

Brussell, 17 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10748/26

DELECT 103
PECHE 255

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 3963 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'17.6.2026 li jemenda r-Regolament ta' Delega (UE) 2015/98 dwar l-implimentazzjoni tal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, taħt il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku u tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali Futura dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 3963 final.

Mehmuż: C(2026) 3963 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.6.2026
C(2026) 3963 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'17.6.2026

li jemenda r-Regolament ta' Delega (UE) 2015/98 dwar l-implimentazzjoni tal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, taħt il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku u tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali Futura dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Il-Politika Komuni tas-Sajd tipprevedi l-introduzzjoni gradwali tal-obbligu ta' ħatt l-art biex tintemm il-problema tal-iskartar tal-ħut. Dan l-obbligu huwa stabbilit fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (“ir-Regolament Bażiku”).

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/98² dwar l-implimentazzjoni tal-obbligi internazzjonali tal-UE jipprevedi, abbażi tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament Bażiku, għadd ta' derogi mill-obbligu ta' ħatt l-art tal-ħut għall-fini tal-implimentazzjoni tal-obbligi internazzjonali fid-dritt tal-Unjoni u biex l-UE tikkonforma mad-deċiżjonijiet adottati mill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd, inkluża l-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), li l-UE hija parti kontraenti tagħha.

Fil-laqgħa annwali tal-ICCAT tal-2025, mis-17 sal-24 ta' Novembru, il-partijiet kontraenti tal-ICCAT adottaw ir-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 25-06³, li temenda r-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 19-05⁴ dwar il-programmi ta' restawr għall-marlin blu u għall-marlin abjad/il-pastardella imperjali. Ir-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 25-06 temenda r-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 19-05 billi żżidilha dispożizzjoni li tistabbilixxi li ladarba parti kontraenti tal-ICCAT tilħaq il-limitu ta' ħatt l-art tagħha, il-qabdiet kollha tal-marlin blu u tal-marlin abjad/il-pastardella imperjali għandhom jiġu skartati.

L-għan ta' dan ir-Regolament Delegat huwa li jemenda r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/98 biex jiġi allinjat mar-Rakkomandazzjoni 25-06, sabiex l-obbligu ta' ħatt l-art stabbilit fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament Bażiku ma japplikax għall-bastimenti tal-UE li jaqdbu l-marlin blu u l-marlin abjad/il-pastardella imperjali bħala qabda aċċessorja.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

F'konformità mal-Artikolu 67(4) tar-Regolament 2023/2053, il-Kummissjoni kkonsultat il-Grupp ta' Esperti dwar is-Sajd u l-Akkwakultura dwar l-abbozz tar-Regolament.

F'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁵, ir-Regolament Delegat ġie ppreżentat lill-koleġiżlaturi (il-Parlament Ewropew u l-Kunsill) għall-konsultazzjoni fil-livell tal-esperti.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj>.

² Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/98 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, taħt il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku u tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2015/98/2022-05-31.

³ <https://www.iccat.int/Documents/Recs/compendiopdf-e/2025-06-e.pdf>.

⁴ <https://www.iccat.int/Documents/Recs/compendiopdf-e/2019-05-e.pdf>.

⁵ Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, il-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament Delegat jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/98 billi jippermetti deroga mill-obbligu ta' ħatt l-art, kif stabbilit fl-Artikolu 15(1)(a) tar-Regolament Bażiku, ladarba l-Istati Membri jkunu laħqu l-kwota tagħhom tal-marlin blu, tal-marlin abjad u tal-pastardella imperjali.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'17.6.2026

li jemenda r-Regolament ta' Delega (UE) 2015/98 dwar l-implimentazzjoni tal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, taħt il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku u tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali Futura dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(2) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Unjoni hija parti għall-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), wara li approvat il-Konvenzjoni tal-ICCAT skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE³.
- (2) L-ICCAT tadotta l-miżuri biex tiżgura l-konservazzjoni fuq terminu twil u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd, fiż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT u biex tissalvagwardja l-ekosistemi tal-baħar. Tali miżuri jistgħu jsiru vinkolanti għall-partijiet, inkluża l-Unjoni.
- (3) Il-paragrafu 3 tar-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 25-06 jemenda r-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 19-05⁴ billi jippermetti lill-partijiet kontraenti tal-ICCAT li jilhq u l-limiti ta' ħatt l-art tagħhom tal-marlin blu u tal-marlin abjad/il-pastardella imperjali jiskartaw il-qabdiet tagħhom.
- (4) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn dik ir-Rakkomandazzjoni u d-dritt tal-Unjoni, l-obbligu ta' ħatt l-art fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jenħtieġ li ma japplikax għall-bastimenti tal-Unjoni li jipparteċipaw fis-sajd kopert minn dik ir-Rakkomandazzjoni.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj>.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE tad-9 ta' Ġunju 1986 dwar l-Adeżjoni tal-Komunità fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn ta' l-Atlantiku, kif emendata bil-Protokoll mehmuż ma' l-Att Finali tal-Konferenza tal-Plenipotenzjari ta' l-Istati li jiffirmaw Parti mill-Konvenzjoni ffirmata f'Pariġi fl-10 ta' Lulju 1984 (ĠU L 162, 18.6.1986, p. 33), ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/1986/238/oj>.

⁴ <https://www.iccat.int/Documents/Recs/compendiopdf-e/2019-05-e.pdf>.

- (5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/98 jiġi emendat biex titqies id-deċiżjoni meħuda mill-ICCAT.
- (6) Peress li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq il-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-attivitajiet ekonomiċi relatati, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fir-Regolament ta' Delega (UE) 2015/98, jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 5b

Marlin blu u marlin abjad/pastardella imperjali

B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, ladarba l-Istati Membri jkunnu laħqu l-kwoti tagħhom, il-qabdiet kollha tal-marlin blu u tal-marlin abjad/il-pastardella imperjali għandhom jiġu skartati.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 17.6.2026

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN